EUROPA TOURS

6 t'ijiem

*Czech Republic*

# PRAGUE

*& The Fairytale Towns*

**A: 06 – 11 t'Awwissu B: 10 – 15 ta' Settembru**

## Prague, Dresden, Český Krumlov, Karlovy Vary, Kutna Hora...

### Il-Ħamis

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl' 16. 00 għat titjira KM538 li ttir fis-18.00 u naslu **Praga** fit-20.30 nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Archibald 4-star** fiċ-ċentru tal-belt, viċin Wenceslas Square**.** Sistemazzjoni tal-kmamar.

### Il-Ġimgħa

Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour** biex naraw parti ta' din il-belt bħal **Prague Castle**, kumpless kbir ta' bini fejn fost l-oħrajn hawn il-kastell S.Vitus, il-bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz Irjali, inkomplu billi nżuru l-Knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, **Charles Bridge** eċċ. Wara jkollna nofs ta'nhar liberu biex tgawdu din il-belt. Min irid jista' jmur mat-tour leader għal cruise (extra) madwar ix-xmara Vlatva minn fejn naraw il-belt minn perspettiva differenti. Filgħaxija min irid jista' jingħaqad għal **Folklore Night**, show tradizzjonali mal-ikel u mużika folkloristika.

### Is-Sibt

Bla dubju, **Dresden**-hekk imsejħa Firenze tan-naħa ta' Fuq, hi fost il-bliet Ġermaniżi l-aktar meraviljużi. Opportunità li napprezzaw il-ġmiel tal-kastell viċin it-Theaterplatz, Opera House, Sempergalerie, Taschenbergpalais u Hofkirche. Naraw aktar postijiet ta' interess bħal hekk imsejħa Fürstenzug. Ikollna ftit ħin liberu għax-xiri. Nirritornaw lura l-lukanda.

### Il-Ħadd

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il- vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunita' li nappreżżaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-knisja **ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani**. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun **Karlovy Vary** u ma dduqx il-famużi Wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali mineral springs. Nirritornaw lura l-hotel.



EUROPA TOURS

**It-Tnejn**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov** li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage, tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Filgħaxija mmorru għal drink.

**It-Tlieta**
Wara li nieħdu l-buffet breakfast,eskursjoni li toħodna fil-belt medjevali ta' **Kutna Hora**. Nesploraw din l-erja tas-seklu 13 li hi magħrufa għall-minjieri tal-fidda. Hawn ser ikollna l-opportunita' li naraw il-Katidral maestuż stil gotiku iddedikat lil St Barbara, monumenti sbieħ u djar storiċi. Ikollna ħin għall-ikel (extra).Inkomplu lejn Sedlec fejn inżuru l-Bone Chapel. Inkomplu it triq lejn l-ajruport għat -titjira mal-KM539 li ttir fid- 21.20 u naslu Malta 23.50.

**Prezz Kull Persuna**
**Eskursjonijiet u taxxi nklużi**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €860 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €860 |
| Kamra ta' persuna waħedha | €1085 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €750 |

**Prezz Jinkludi:**
Titjira mal-KM Malta Air għal Praga
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi mhux inklużi)
5 t'iljieli - Hotel Archibald 4-Star fiċ-ċentru ta' Praga
Buffet Breakfast kuljum
Taxxi tal-ajruport
Tour Leader
Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex***:*
City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

*Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom



